

Brussell, 3 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

6778/22

ECOFIN 177  
UEM 33

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Marzu 2022  |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea       |
| Nru dok. Cion:    | COM(2022) 85 final  |
| Suġġett:          | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL Gwida tal-politika fiskali għall-2023         |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 85 final.

Mehmuż: COM(2022) 85 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.3.2022  
COM(2022) 85 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Gwida tal-politika fiskali għall-2023**

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Gwida tal-politika fiskali għall-2023

### 1. Introduzzjoni

**L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja mminat is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Ewropa u tad-dinja.** L-avvenimenti li ġraw dan l-aħħar huma mument ta' żvolta għall-Ewropa, u sostanzjalment ipoġġu f'dubju l-ordni tal-paċi tagħna. L-Ukrajna għandha lill-UE spalla ma' spalla magħha f'solidarjetà politika u ekonomika. Bħala reazzjoni għall-azzjonijiet militari mir-Russja mhux provokati u mhux ġustifikati, l-UE approvat pakkett ta' sanzjonijiet voluminużi u mmirati li se jkollhom impatt massimu fuq l-ekonomija u l-elite politiku tar-Russja. Fl-istess waqt, l-UE qiegħda taffronta xi sfidi immedjati, b'mod partikolari dwar il-flussi tar-refuġjati, is-sigurtà u l-kontromiżuri possibbli mir-Russja. Hemm riskju li din il-kriżi jkollha impatt negattiv fuq it-tkabbir, inkluż permezz tar-riperkussjonijiet fuq is-swieq finanzjarji, aktar pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija, ostakli persistenti fuq il-ktajjen tal-provvista u effetti fuq il-fiduċja.

**Ir-riskji u l-inċertezza eċċezzjonali jirrikjedu koordinazzjoni b'saħħitha tal-politiki ekonomiċi u fiskali biex ikun hemm tranżizzjoni ta' ħruġ mill-kriżi tal-COVID-19.** Rispons tal-politika fiskali kkoordinat u sod għall-pandemija, appoġġ bla preċedent minn strumenti ġodda tal-UE u l-politika monetarja akkomodanti taw daqqa t'id biex l-ekonomija tal-UE tegħleb il-kriżi u servew ta' bażi għall-irkupru. Fit-tielet trimestru tal-2021, l-UE reġa' kellha l-istess livell ta' PDG bħalma kellha qabel il-kriżi; l-output kien mistenni, skont it-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni, li jisboq il-livelli ta' qabel il-pandemija fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2022. 'Il quddiem, il-politika fiskali għandha tibqa' tkun ikkoordinata mill-qrib biex tiżgura s-sostenibbiltà fiskali u, flimkien ma' politiki ekonomiċi usa', tgħin biex issostni l-irkupru u tqiegħed l-ekonomija Ewropea fit-triq tat-tkabbir aktar b'saħħtu u sostenibbli, minkejja l-ambjent dinji deterjorat.

**Jeħtieġ li l-politiki fiskali jkunu lesti li jirreaġixxu għaċ-ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu malajr.** L-ambjent tal-politika qiegħed jevolvi. Il-miżuri ta' emerġenza temporanji relatati mal-pandemija huma mistennija jiġu eliminati gradwalment fl-2022, b'mod konsistenti man-normalizzazzjoni progressiva tas-sitwazzjonijiet tas-saħħa pubblika.<sup>(1)</sup> Il-prospettiva tal-inflazzjoni fuq terminu qasir tindika normalizzazzjoni gradwali tal-politika monetarja. Madankollu, l-invażjoni tal-Ukrajna hija mistennija jkollha impatt negattiv fuq il-prospettiva, li saret aktar inċerta b'riskji inklinati 'l isfel. L-hekk imsejħa "klawżola liberatorja ġenerali" tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST)<sup>(2)</sup> se tibqa' tapplika fl-2022. Dan se jippermetti li l-politika fiskali taġġusta għas-sitwazzjoni li qiegħda tevolvi sabiex tindirizza l-isfidi

<sup>(1)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2021) "L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022: Valutazzjoni Kumplessiva," COM(2021) 900 final tal-24 ta' Novembru 2021.

<sup>(2)</sup> Dispożizzjonijiet speċifiċi fir-regoli fiskali tal-UE jippermettu devjazzjoni temporanja kkoordinata u ordnata mir-rekwiżiti normali għall-Istati Membri kollha f'sitwazzjoni ta' kriżi ġeneralizzata kkawżata minn reċessjoni ekonomika severa taż-żona tal-euro jew tal-UE fl-intier tagħha (ara l-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97).

immedjati li din il-kriżi ġgħib magħha. Abbażi tat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni, il-klawżola liberatorja ġenerali hija mistennija tiġi diżattivata mill-2023.<sup>(3)</sup> Dan se jerġa' jiġi vvalutat abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni fid-dawl tal-inċertezza kbira. Fl-aħħar nett, id-dibattitu dwar il-qafas ta' governanza ekonomika tnieda mill-ġdid f'Ottubru 2021 bil-ħsieb li jissawwar kunsens wiesa' dwar it-triq 'il quddiem sew qabel l-2023.<sup>(4)</sup>

**Din il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar it-tmexxija u l-koordinazzjoni tal-politika fiskali, li tiddependi mill-prospettiva ekonomika li qiegħda tevolvi.** Il-gwida tqis l-esperjenza pożittiva mill-gwida simili mogħtija f'Marzu 2021, li kkontribwiet għad-diskussjoni kontinwa fil-Kunsill, fil-Grupp tal-Euro u ma' partijiet ikkonċernati oħra tal-UE u internazzjonali dwar ir-rispons xieraq tal-politika fiskali u l-adattament tagħha. Il-prinċipji jirriflettu t-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni u għandhom jiggwidaw il-programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza li jmiss tal-Istati Membri. Il-gwida se tiġi aġġustata għall-iżviluppi ekonomiċi kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-Kummissjoni lejn l-aħħar ta' Mejju 2022.

**Il-kumplement tal-Komunikazzjoni tikkonsisti f'erba' taqsimiet.** It-Taqsima 2 tagħti ħarsa ħafifa lejn il-prospettiva ekonomika għall-2022 u l-2023. It-Taqsima 3 tistabbilixxi ħames prinċipji u tislet implikazzjonijiet, abbażi tat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni, għar-rakkomandazzjonijiet fiskali li għandhom jiġu proposti lill-Istati Membri f'Mejju 2022 għall-pjanijiet baġitarji tagħhom fl-2023. It-Taqsima 4 tiġbor fil-qosor is-sitwazzjoni attwali tar-rieżami tal-governanza ekonomika. It-Taqsima 5 tiddekrivi l-passi li jmiss.

## 2. Il-qagħda u l-prospettiva ekonomika

**L-ekonomija tal-UE daħlet fit-tielet sena tal-pandemija tal-COVID-19 mingħajr distakk meta mqabbla mal-livelli tal-output tagħha ta' qabel il-pandemija.** L-ekonomija tal-UE rpijlat sew fl-2021 u l-livell tal-qgħad kien ta' livell rekord baxx, iżda r-ritmu tal-espansjoni majna lejn tmiem is-sena. It-tfeġġija tal-varjant Omicron wasslet biex reġġu ġew introdotti r-restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà, is-sistemi tal-kura tas-saħħa reġġu tpoġġew taħt pressjoni, u kien hemm nuqqas ta' ħaddiema minħabba mard, kwarantina u doveri ta' kura. Tħarbit fil-provvista li ħa fit-tul kif ukoll domanda qawwija wasslu biex il-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet jisparaw 'il fuq. Dawn l-iżviluppi sfavorevoli tappnu l-momentum tat-tkabbir fl-UE, bit-tkabbir tal-PDG reali jonqos fl-aħħar trimestru tal-2021.

**It-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni pprojetta li tissokta l-espansjoni ekonomika robusta tal-ekonomija Ewropea, avolja daqsxejn aktar batuta fl-2022 u l-2023.** Wara perjodu kajman, l-espansjoni ekonomika kienet mistennija terġa' taqbad ir-ritmu fit-tieni trimestru tal-2022 u tibqa' robusta matul il-perjodu ta' tbassir. Is-sisien li jirfdu l-espansjoni

---

<sup>(3)</sup> Il-klawżola liberatorja ġenerali ġiet attivata permezz tal-approvazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, COM(2020) 123 final tat-23 ta' Marzu 2020. Id-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni tagħha hija bbażata fuq valutazzjoni kumplessiva tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-UE jew fiż-żona tal-euro mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmiem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Il-Kummissjoni Ewropea (2021) "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", COM(2021)105 final tat-3 ta' Marzu 2021, pp. 7-8 u p. 14.

<sup>(4)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2021) "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika," COM(2021) 662 final tad-19 ta' Ottubru 2021.

baqgħu b'saħħithom. Kien previst li s-suq tax-xogħol li qiegħed imur għall-aħjar, it-tfaddil għoli tal-unitajiet domestiċi, il-kundizzjonijiet ta' finanzjament li għadhom favorevoli, u l-użu tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) kollha kienu se jsostnu fażi ta' espansjoni robusta u mtawla. Skont it-tkabbir tax-xitwa, it-tkabbir tal-PDG reali tal-UE kien mistenni jilħaq 4,0 % fl-2022, 1,3 punti perċentwali anqas milli fl-2021 iżda xorta ferm oġħla mill-medja fuq terminu twil. It-tbassir tax-xitwa<sup>(5)</sup> pprojetta li "r-ritorn għan-normalità" jissokta fl-2023, meta t-tkabbir kien mistenni jilħaq livell moderat ta' 2,8 %.

**It-tbassir tax-xitwa ma kkunsidrax l-invażjoni fl-Ukrajna u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li rriżultaw.** Dan iħalli impatt negattiv fuq il-prospettiva tat-tkabbir u jkompli jxaqleb ir-riskji 'l isfel. Pereżempju, l-inflazzjoni jaf tkun oġħla milli mistennija minħabba l-pressjonijiet tal-kostijiet li jirriżultaw minn ostakli mil-lat tal-provvista. L-effett tal-prezzijiet oġħla tal-enerġija li jiġu trasferiti mill-prezzijiet għall-produzzjoni għal fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi b'mod usa', jaf jinħass fuq id-domanda aggregata. L-ostakli fil-provvista globali x'aktarx li jippersistu tul l-2022 sew. Barra minn hekk, effetti indiretti akbar milli mistennija miż-żidiet fil-pagi potenzjalment oġħla mill-produttività jaf iżommu l-inflazzjoni għolja fuq perjodu itwal ta' żmien. Fuq nota pożittiva, l-investimenti xprunati mill-RRF u mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), inklużi l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, jistgħu jiġġeneraw impuls aktar b'saħħtu għall-attività.

### **3. Il-prinċipji ewlenin u l-implikazzjonijiet għall-gwida fiskali**

**Din it-taqsimha tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li se jiggwidaw il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri.** L-implikazzjonijiet għar-rakkomandazzjonijiet fiskali li għandhom jiġu proposti lill-Istati Membri f'Mejju 2022 għall-pjanijiet baġitarji tagħhom għall-2023 huma bbażati fuq it-tbassir tax-xitwa. Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ.

**Ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 se jiffasslu f'termini kwalitattivi filwaqt li jissejsu fuq elementi kwantitattivi.** Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi speċifiċi u d-diffikultajiet li jirriżultaw fl-istima tad-distakki fl-output kif ukoll tal-bilanċi strutturali, il-Kummissjoni, bħalma għamlet is-sena l-oħra, se tipproponi, fir-rebbiegħa, gwida tal-politika fiskali speċifika għall-pajjiżi li timxi fuq il-passi tal-approċċ meħud għar-rakkomandazzjoni fiskali għall-2022, dwar il-limitazzjoni tat-tkabbir tan-nefqa kurrenti u li tħares lejn il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi. Din se tkun il-bażi għall-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-eżiti fiskali meta mqabbla mar-rakkomandazzjonijiet. Il-baġits tal-Istati Membri taż-żona tal-euro għall-2023 se jiġu vvalutati fil-ħarifa fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji.

#### ***Il-Prinċipju #1: L-iżgurar ta' koordinazzjoni tal-politika u taħlita ta' politiki konsistenti***

---

<sup>(5)</sup> It-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni nħareġ fl-10 ta' Frar abbażi ta' data aġġornata sal-1 ta' Frar 2022.

**Il-koordinazzjoni tal-politika fiskali tibqa' kruċjali.** Ir-rispons fiskali kkoordinat tal-Istati Membri għar-reċessjoni ekonomika severa minħabba l-COVID-19, iffaċilitat mill-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali u akkumpanjat minn azzjonijiet fil-livell tal-UE, irnexxielu ferm jimmitiga l-impatt ekonomiku tar-reċessjoni. Hemm bżonn ta' koordinazzjoni b'saħħitha kontinwa tal-politiki fiskali biex jiġu ggarantiti t-tranżizzjoni bla intoppi lejn it-triq tat-tkabbir sostenibbli u ġdid, u s-sostenibbiltà fiskali.

**Il-pożizzjoni xierqa tal-politika fiskali għaż-żona tal-euro għandha tkun frott bilanċ kif suppost bejn il-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà u dawk tal-istabbilizzazzjoni.** Huwa essenzjali li jkun hemm artikolazzjoni b'hal din fil-livell tal-pajjiżi u filwaqt li titqies id-dimensjoni taż-żona tal-euro/tal-UE. Filwaqt li l-ekonomija għadha tibbenefika minn sisien sodi u minn appoġġ mill-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-RRF, meta l-miżuri meħuda biex jappoġġaw l-ekonomija matul il-pandemija jiġu eliminati gradwalment, dan se jwassal biex tonqos imbottatura kbira fl-2023 fuq l-aggregat. It-tempistika u r-ritmu tan-normalizzazzjoni tal-politika fiskali għandhom ukoll iqisu l-interazzjonijiet mal-politiki tas-settur monetarju u finanzjarju u l-impuls fiskali li jirriżulta mill-RRF<sup>(6)</sup>.

**Abbażi tat-tbassir tax-xitwa, il-Kummissjoni jidhrilha li huwa xieraq li t-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata favorevoli fl-2020-2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata xi f'it jew wisq newtrali sseħħ fl-2023, filwaqt li tkun lesta tirreaġixxi għall-qagħda ekonomika li qiegħda tevolvi.**

*Il-Prinċipju #2: L-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn permezz ta' aġġustament fiskali gradwali u ta' kwalità għolja u tkabbir ekonomiku*

**Il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku huma għoljin u żdiedu b'riżultat tal-pandemija.** Ir-rispons fiskali meħtieġ għall-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fl-output wasslu għal żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern, b'mod partikolari f'xi Stati Membri b'dejn għoli, għalkemm mingħajr żieda fil-kostijiet biex jinfeda d-dejn. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku aggregat tal-UE laħaq l-ogħla livell ta' madwar 92 % tal-PDG fl-2021 u huwa mistenni jonqos biss bi f'it għal 89 % tal-PDG fl-2023. Fl-istess waqt, id-diverġenza bejn l-Istati Membri għadha għolja. Il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku huma mistennija jibqgħu aktar minn 100 % tal-PDG f'sitt Stati Membri fl-2023 filwaqt li jibqgħu taħt 60 % tal-PDG f'madwar nofs l-Istati Membri.

**Jekk il-politiki jibqgħu kif inhuma, il-proporzjon tad-dejn pubbliku tal-UE xi f'it jew wisq jistabbilizza matul l-10 snin li ġejjin iżda f'diversi Stati Membri b'dejn għoli jibqa' jżdied.** Diversi fatturi se jsawru d-dinamika tad-dejn. Minn naħa l-waħda, sfidi oħra, inklużi l-kostijiet ipprojetta b'rabta mat-tixjiħ u l-obbligazzjonijiet kontinġenti (fil-forma ta' garanziji) mogħtija matul il-kriżi tal-COVID-19, ikomplu jaggravaw ir-riskji assoċjati ma' dejn pubbliku ogħla. Min-naħa l-oħra, id-dinamika tad-dejn fl-2021 kienet ġeneralment aħjar milli mistenni. Il-kostijiet baxxi ta' finanzjament u l-prospetti favorevoli ta' tkabbir huma fatturi mitiganti, parzjalment bis-saħħa tal-impatt pożittiv mistenni tal-investimenti u tar-

---

<sup>(6)</sup> Filwaqt li l-għotjiet mill-RRF se jkomplu jappoġġaw l-ekonomija kull sena, l-impuls fiskali annwali pprovdut mill-RRF qiegħed ikejjel id-differenza fl-għotjiet tal-RRF assorbiti minn sena għall-oħra.

riformi fuq it-tkabbir potenzjali fit-terminu medju. Il-portata ta' dan l-impatt tiddependi fuq l-evoluzzjoni tad-differenzjali bejn ir-rata tat-tkabbir u r-rata tal-imgħax, li għadhom inċerti.

**Aġġustament fiskali pluriennali, flimkien mal-investment u r-riformi biex jiġi sostnut il-potenzjal tat-tkabbir, huwa meħtieġ biex titrażżan id-dinamika tad-dejn.** L-iżgurar ta' finanzi pubbliċi sostenibbli permezz ta' tnaqqis gradwali tad-dejn pubbliku għoli huwa importanti. Xi Stati Membri qegħdin jissograw li joħorġu mill-kriżi bi proporzjonijiet oġġla ta' nfiq u proporzjonijiet aktar baxxi tad-dħul (bħala sehem tal-PDG). Jekk id-dejn fuq terminu medju f'pajjiżi b'dejn għoli ma jitnaqqasx, ikun ta' piż fuq il-prospetti ta' tkabbir u jkompli jwessa' d-diverġenzi bejn il-pajjiżi. Billi jesponi l-kontijiet pubbliċi għal żvilupp sfavorevoli fis-swieq finanzjarji, dan jista' jkun ta' detriment għar-reżiljenza kumplessiva tal-ekonomiji. Is-sensittività tad-dinamika tad-dejn għall-evoluzzjoni fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament hija rilevanti biex jiġu ddeterminati l-portata u r-ritmu neċessarji tal-aġġustament. Sabiex jirnexxu, l-istrateġiji ta' tnaqqis tad-dejn għandhom jiffokaw fuq il-konsolidazzjoni fiskali, il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u fuq il-promozzjoni tat-tkabbir. Konsolidazzjoni li sseħħ f'salt wisq timmina l-irkupru li jkun beda, b'effetti negattivi fuq it-tkabbir potenzjali, is-sentiment tas-suq u l-kostijiet tal-finanzjament, u fl-aħħar mill-aħħar tkun kontroproduktiva għas-sostenibbiltà tad-dejn.

**Abbażi tat-tbassir tax-xitwa, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ta' min jagħti bidu għal aġġustament fiskali gradwali biex jitnaqqas id-dejn pubbliku għoli mill-2023, mentri konsolidazzjoni li sseħħ f'salt wisq jista' jkollha impatt negattiv fuq it-tkabbir u, b'hekk, fuq is-sostenibbiltà tad-dejn.**

### *Il-Prinċipju #3: L-ixprunar tal-investment u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli*

**It-tqegħid tal-ekonomiji Ewropej fit-triq tat-tkabbir aktar sostenibbli u l-indirizzar tal-isfidi tat-tranżizzjonijiet doppji għandhom ikunu fuq nett tal-aġenda fl-Istati Membri kollha.** <sup>(7)</sup> L-istimi mill-Kummissjoni Ewropea u organizzazzjonijiet oħra jindikaw ħtiġijiet kbar ta' investment biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi u diġitali tal-UE. It-twertiq fil-prattika tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku jirrikjedi investment pubbliku u privat addizzjonali ta' EUR 520 biljun fis-sena fl-2021-2030. Id-diskrepanza fl-investment sabiex titwettaq it-trasformazzjoni diġitali fl-UE hija stmata li tammonta għal madwar EUR 125 biljun kull sena matul id-deċennju li jmiss. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti se jkollhom jiġu mobilizzati mis-settur privat. Madankollu, is-settur pubbliku jeħtieġlu jaqdi r-rwol tiegħu wkoll biex jipprovdi finanzjament komplementari biex jappoġġa l-politiki, ineħħi kull riskju b'rabta mal-proġetti innovattivi, jiggwida u jagħti spazju lill-investment privat u jegħleb il-falliment tas-suq. Il-Komunikazzjoni dwar mudell ta' tkabbir Ewropew li jibqa' validu fil-futur tenfasizza l-importanza ta' azzjoni koordinata mill-atturi rilevanti kollha, inklużi l-UE, l-Istati Membri u s-settur privat fl-attivazzjoni tal-lievi politiki kollha disponibbli.<sup>(8)</sup> L-

<sup>(7)</sup> Il-politiki attwali ekonomiċi u tal-impjiegi tal-UE huma strutturati madwar erba' dimensjonijiet: is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja, l-istabbiltà makroekonomika. Ara, Il-Kummissjoni Ewropea (2021) "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2022", COM(2021) 740 final tal-21 ta' Novembru 2021.

<sup>(8)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2022) "Il-mudell ta' tkabbir Ewropew li jibqa' validu fil-futur: lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti."

iżgurar tal-koerenza bejn il-politiki ta' investment u ta' riforma fl-Istati Membri u bejn l-objettivi nazzjonali u tal-UE huwa kruċjali.

**L-RRF u l-fondi tal-QFP se jappoġġaw l-investment pubbliku u r-riformi fis-snin li ġejjin.** L-RRF, il-qalba tan-NextGenerationEU, qiegħda tipprovdi EUR 338 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli (“għotjiet”) u sa massimu ta' EUR 386 biljun f'self (iż-żewġ ammonti fi prezzijiet kurrenti) sal-2026. Il-finanzjament mill-RRF se jgħin biex tinbena r-reżiljenza; isir progress biex jintlaħqu l-miri ambjentali u diġitali tagħna; u jissaħħu l-koeżjoni, il-produttività u l-kompetittività. Sa issa, 22 pajjiż tal-UE rċevew l-approvazzjoni għall-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza u saru 21 pagament ta' prefinanzjament lil dawk il-21 pajjiż minnhom li talbuh. L-iżborż tal-għotjiet tal-RRF huwa pplanat li jkun ikkonċentrat fil-bidu tal-perjodu tal-għotjiet, b'madwar żewġ terzi tagħhom li se jitħallsu sa tmien l-2023.<sup>(9)</sup> In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-RRF se tagħmilha possibbli li jiġu ffinanzjati proġetti ta' investment ta' kwalità għolja u li jiġu koperti l-ispejjeż ta' riformi li jtejbu l-produttività mingħajr ma jiġu ġenerati defiċits u dejn ogħla. L-implimentazzjoni rapida tal-RRPs għaldaqstant tippromovi rkupru sostnut u sostenibbli, tixpruna tkabbir potenzjali akbar u tappoġġa titjib gradwali tal-pożizzjonijiet fiskali, inklużi fl-Istati Membri bl-ogħla proporzzjonijiet ta' dejn pubbliku. L-approvazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE se tkompli ssaħħaħ l-investment, tixpruna t-tranżizzjoni doppja u r-reżiljenza fit-territorju kollu tal-Unjoni.

**L-Istati Membri kollha għandhom jiproteġu l-investment kumplessiv u, fejn ġustifikat, jespandu l-investment iffinanzjat fuq livell nazzjonali, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u reżiljenti.** L-enfasi għandha titqiegħed fuq kwalità għolja tal-investment, f'konformità mal-investment iffinanzjat mill-RRF. Il-politiki fiskali għandhom jiġu orjentati mill-ġdid biex jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja sabiex jinkiseb tkabbir sostnut u sostenibbli. Fejn ikun meħtieġ, pereżempju b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-RRF, l-Istati Membri għandhom jespandu l-investment iffinanzjat fuq livell nazzjonali, b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet doppji. L-aġġustament fiskali mill-Istati Membri b'dejn għoli ma għandux ikun ta' piż fuq l-investment u minflok għandu jimmaterializza billi jitqiegħed limitu fuq it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali.

**Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-investment pubbliku ta' kwalità għolja ffinanzjat fuq livell nazzjonali għandu jiġi promoss u protett fi pjanijiet fiskali fuq terminu medju billi l-promozzjoni ta' ekonomija reżiljenti u l-indirizzar tal-isfidi tat-tranżizzjoni doppja huma objettivi ta' politika komuni ewlenin għall-2023 u lil hinn.**

***Il-Prinċipju #4: Il-promozzjoni ta' strateġiji fiskali konsistenti ma' approċċ fuq terminu medju fir-rigward tal-aġġustament fiskali, filwaqt li titqies l-RRF***

<sup>(9)</sup> Sa issa, ġew approvati 22 Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP, Recovery and Resilience Plan) mill-Kunsill li jammontaw għal EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u EUR 154 biljun f'self. Sitt Stati Membri għandhom pjan adottat li jinkludi self (Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja). Kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament dwar l-RRF ((UE) 2021/241), il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF se jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Ara, il-Kummissjoni Ewropea (2022), “Ir-rapport annwali dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.”

**L-aġġustament fiskali fi Stati Membri b'dejn għoli għandu jkun gradwali, u mhux iwassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva żżejjed, u għandu jissejjes fuq l-investment u r-riformi li jirriġeneraw il-potenzjal tat-tkabbir, u b'hekk jagħmilha aktar faċli li jinkisbu trajettorji ta' tnaqqis fid-dejn kredibbli.** L-isforzi b'rabta mal-aġġustament fiskali gradwali u persistenti għandhom jimxu id f'id ma' kompożizzjoni mtejbja tal-finanzi pubbliċi biex jinkiseb tnaqqis tad-dejn fuq terminu medju. Jeħtieġ li l-pjanijiet fuq terminu medju jkunu konsistenti mal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Istati Membri.<sup>(10)</sup> Il-pjanijiet għandhom jissejsu fuq referenzi konkreti għall-investimenti u r-riformi ppjanati tagħhom, u jieħdu inkunsiderazzjoni l-iskeda ta' żmien mistennija tal-iżborż tal-fondi tal-UE (inklużi l-għotjiet tal-RRF). Għall-perjodu ta' wara l-2023, dawn il-pjanijiet fuq terminu medju għandhom jiffokaw fuq li jaraw li sseħħ il-konsolidazzjoni fiskali biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju b'mod gradwali, sostnut u li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-pjanijiet għandhom jispeċifikaw fid-dettall il-miżuri sottostanti u r-riformi u l-investimenti li jakkumpanjawhom.

**Il-perkors tal-aġġustament tal-politika fiskali għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-effetti tal-appoġġ tal-RRF fuq l-attività ekonomika.** L-għotjiet tal-RRF se jkomplu jipprovdu appoġġ fiskali sinifikanti għat-tkabbir fid-domanda aggregata sakemm jintlaħaq il-qofol tal-profil ta' pagament tal-pjanijiet ta' kull Stat Membru, li sussegwentement se jitnaqqas. Dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-pjanijiet fiskali fuq terminu medju.

**Il-konsolidazzjoni ma għandhiex tiġi ttardjata b'mod inġustifikat.** Meta jkun meħtieġ aġġustament fiskali, jekk dan jiġi ttardjat għas-snin ta' wara, iżid ir-riskji fl-implimentazzjoni u ta' sikwit iwassal għal diffikultajiet biex jinkisbu l-miri baġitarji fuq terminu medju stabbiliti fil-programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' strateġija fiskali kkonċentrata fl-aħħar tal-perjodu, hija assoċjata wkoll mal-gvernijiet li jużaw sorpriżi pożittivi fit-tkabbir u dħul baġitarju imprevisit għal nefqa kurrenti oġhla jew tnaqqis fit-taxxi, minflok għal tnaqqis aktar rapidu tad-dejn. Ta' sikwit t'fisser li l-buffers ma jinbnewx mill-ġdid meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu li dan isir.

**Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għandhom juru kif il-pjanijiet fiskali fuq terminu medju tal-Istati Membri jiżguraw perkors ta' tnaqqis gradwali fid-dejn pubbliku għal-livelli prudenti u tkabbir sostenibbli permezz ta' konsolidazzjoni gradwali, investment u riformi.**

*Il-Prinċipju #5: Id-differenzjazzjoni bejn l-istrateġiji fiskali u l-kunsiderazzjoni tad-dimensjoni taż-żona tal-euro*

**Mill-2023 'il quddiem, huwa meħtieġ li jinbenda aġġustament fiskali gradwali fl-Istati Membri b'dejn għoli biex il-proporzjonijiet tad-dejn jiġu stabbilizzati u mbagħad jitnaqqsu.** Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, jibqa' importanti li jinbnew mill-ġdid il-buffers fiskali u jissokta perkors ta' tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku

---

<sup>(10)</sup> Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (2017) <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9344-2017-INIT/en/pdf>

għall-PDG bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet fil-futur, jinżammu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u jiġi żgurat tħaddim bla intoppi taż-żona tal-euro fid-dawl tal-effetti konsegwenzjali potenzjali. Abbażi tat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni, għall-Istati Membri b'dejn għoli, jidher li huwa xieraq li mill-2023 'il quddiem ikollhom titjib gradwali tal-pożizzjonijiet fiskali sottostanti tagħhom. Biex dan jinkiseb, in-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) għandha tikber aktar bil-mod mill-output potenzjali fuq terminu medju (kif imkejje mill-parametru referenzjarju tan-nefqa). L-Istati Membri b'dejn għoli għandhom ikomplu jippromovu l-investment meħtieġ għat-tranżizzjoni doppja u jimplimentaw l-aġġustament fiskali fuq in-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali. Din l-istrateġija għandha tkun appoġġata minn implimentazzjoni f'waqtha tal-RRPs. Kwalunkwe dħul imprevisit, inkluż minn sorpriżi pożittivi fir-rigward tat-tkabbir, għandu jintuża għat-tnaqqis tad-dejn.

**L-Istati Membri b'livell baxx/medju ta' dejn għandhom jagħtu prijorità lill-investment għat-tranżizzjoni doppja.** L-Istati Membri b'livell baxx/medju ta' dejn, ġeneralment huma kkaratterizzati minn pożizzjonijiet baġitarji sodi. <sup>(1)</sup> Għandha tingħata prijorità għall-espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet doppji, fejn ikun meħtieġ (pereżempju, b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-RRF) permezz tal-investment iffinanzjat fuq livell nazzjonali li jikber b'rata aktar mgħaġġla mill-output potenzjali fuq terminu medju. L-iżvilupp fin-nefqa attwali għandu jkun konformi mal-preservazzjoni ta' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv, u għalhekk ma jsir l-ebda aġġustament fiskali fl-2023, sakemm ma jkunx hemm sinjali ta' domanda eċċessiva li jkunu jirrikjedu politiki fiskali aġli biex jiġi kkontrollat it-tkabbir tagħha, jew inkella, sakemm prospettiva ekonomika deterjorata ma tkunx teħtieġ infiq addizzjonali. Dan se jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ta' pożizzjoni politika xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi, billi l-effetti konsegwenzjali minn restrizzjonijiet fiskali prematuri fi Stati Membri b'livell baxx/medju ta' dejn jistgħu jnaqqsu indebitament id-domanda aggregata fiż-żona tal-euro u jagħmluha aktar diffiċli għall-Istati Membri b'dejn għoli biex jimplimentaw l-aġġustament fiskali.

**Fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għandhom ikomplu jiġu differenzjati bejn l-Istati Membri u jikkunsidraw l-effetti konsegwenzjali possibbli minn pajjiż għall-ieħor. L-aġġustament fiskali nazzjonali, fejn meħtieġ, għandu jimmaterjalizza b'tali mod li jtejjeb il-kompożizzjoni tan-nefqa, filwaqt li jipproteġi l-investment kumplessiv.**

### *Implikazzjonijiet għall-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE)*

**Il-Kummissjoni mhijiex se tipproponi li jinfetħu PDE ġodda fir-rebbiegħa tal-2022.** Il-pandemija tal-COVID-19 jibqa' jkollha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju li, flimkien mas-sitwazzjoni ġeopolitika kurrenti, joħolqu inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-fassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet, il-

---

<sup>(1)</sup> Anki perkors modest ferm ta' aġġustament jista' f'ħakka t'għajn iwassal għal surpluses baġitarji f'xi wħud minn dawn l-Istati Membri skont is-simulazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Kummissjoni tqis li, fir-rebbiegħa tal-2022, ma għandhiex tittieħed deċizzjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx ikunu soġġetti għall-PDE.

**Il-Kummissjoni se terġa' tivvaluta r-rilevanza tal-proposta biex jinfetħu l-PDE fil-ħarifa tal-2022.** L-Istati Membri li għandhom ksur ipplanat tal-livell limitu tad-defiċit fl-2023 u lil hinn għandhom jiddeskrivu l-miżuri ta' politika pplanati tagħhom biex inaqqsu d-defiċit taħt il-valur ta' referenza, sabiex dan jitqies bħala parti mill-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kif xieraq.<sup>(12)</sup> Fir-rigward tal-Istati Membri bi proporzjon ta' dejn 'il fuq mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG, il-Kummissjoni se tikkunsidra, fil-valutazzjoni tagħha tal-fatturi rilevanti kollha, li l-konformità mal-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn timplika sforz fiskali kkonċentrat fil-bidu li jkun wisq impenjattiv u li jissogra jipperikola t-tkabbir. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-konformità mal-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn mhijiex iġġustifikata taħt il-kundizzjonijiet ekonomiċi eċċezzjonali attwali. Fl-istess waqt, il-monitoraġġ tal-iżviluppi tad-dejn u tad-defiċit se jissokta u l-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid ir-rilevanza tal-proposta biex jinfetħu l-PDE fil-ħarifa tal-2022.

#### **4. Is-sitwazzjoni attwali tar-rieżami tal-governanza ekonomika**

**F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni nediet mill-ġdid id-dibattitu pubbliku dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, filwaqt li stiednet lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha biex ikunu involuti.** Id-dibattitu jinsab għaddej, u jagħmel referenza kemm għall-fehma tal-Kummissjoni rigward l-effettività tal-qafas ta' sorveljanza ekonomika ppreżentat fi Frar 2020 kif ukoll għat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19. Id-dibattitu pubbliku dwar il-qafas fiskali tal-UE jiffoka fuq l-isfida ta' tnaqqis gradwali, sostnut u li jiffavorixxi t-tkabbir għal-livelli ta' dejn prudenti; il-ħtieġa li l-investment pubbliku jiġi sostnut f'livelli għoljin għas-snin li ġejjin, inklużi l-investimenti għat-tranżizzjoni doppja u sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza; l-importanza ta' kompożizzjoni u kwalità tajba tal-finanzi pubbliċi, il-ħtieġa għal politika fiskali kontroċiklika u għal ħolqien ta' marġni fiskali għall-istabbilizzazzjoni; l-importanza ta' koordinazzjoni politika b'saħħitha bejn għodod ta' politika differenti u bejn il-livelli nazzjonali u tal-UE; u l-ħtieġa li l-qafas tal-UE jiġi ssimplifikat u li jiġi żgurat infurzar effettiv tal-qafas fiskali tal-UE. Id-dibattitu qiegħed isir permezz ta' diversi fora, inklużi laqgħat apposta, workshops u sħarriġ online. Din id-diskussjoni inklużiva tinvolvi liċ-ċittadini u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sħab soċjali, l-isfera akkademika, istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, u l-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, fost l-oħrajn. L-istħarriġ online għalaq fil-31 ta' Diċembru 2021. Bħalissa, il-Kummissjoni qiegħda tanalizza s-sottomissjonijiet li rċeviet u se tippreżenta rapport fil-qosor f'Marzu 2022. Jissokta l-involviment mal-partijiet ikkonċernati dwar kif tista' tissaħħaħ l-effettività tal-qafas ta' governanza ekonomika sabiex jissawwar kunsens dwar il-ġejjieni tiegħu.

**Id-dibattitu li għaddej bħalissa qiegħed ukoll jipprovdi opportunità lill-Istati Membri biex jirriflettu dwar l-oġġettivi ewlenin tal-qafas ta' governanza, it-tħaddim tiegħu u l-isfidi ġodda li jridu jiġu kkunsidrati.** Id-diskussjonijiet qiegħdin isiru prinċipalment fil-

<sup>(12)</sup> Il-fatturi rilevanti xierqa huma speċifikati fl-Artikolu 2 tar-Regolament 1467/97. Fil-prinċipju, PDE abbażi tad-defiċit jista' jiġi evitat biss jekk id-defiċit eċċessiv ikun temporanju, eċċezzjonali u qrib il-valur ta' referenza.

Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika, iżda wkoll fil-livell ministerjali fil-Kunsill (ECOFIN) u fost il-membri taż-żona tal-euro fil-Grupp tal-Euro għal aspetti speċifiċi taż-żona tal-euro. Id-diskussjonijiet qegħdin jiġu organizzati madwar ftit temi limitati ewlenin, f'konformità mal-isfidi identifikati fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2021 u s-suġġetti ewlenin tad-dibattitu pubbliku: Dawn jinkludu s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u t-tnaqqis tad-dejn li jiffavorixxi t-tkabbir; il-protezzjoni tal-investment pubbliku u r-rwol tal-qafas fiskali biex jiġu xprunati l-investment pubbliku u r-riformi fid-dawl tat-tranżizzjoni għal ekonomija tal-UE ekoloġika, diġitali u reżiljenti; ir-riflessjonijiet dwar it-tagħlimiet meħuda mir-rispons għall-kriżi tal-COVID-19 (inkluża l-RRF); il-politiki fiskali kontroċikliċi u l-ħolqien ta' marġni għall-istabbilizzazzjoni fuq terminu qasir; u kif jiġu ssimplifikati l-oqfsa fiskali, kif ikun hemm sjieda nazzjonali aktar b'saħħitha u infurzar aħjar. Issem mew ukoll l-implikazzjonijiet potenzjali fit-tul fuq ir-reżiljenza u s-sigurtà minħabba l-invażjoni fil-Ukrajna. Barra minn hekk, hemm diskussjonijiet fost il-membri taż-żona tal-euro dwar aspetti speċifiċi taż-żona tal-euro. Aktar diskussjonijiet ma' partijiet ikkonċernati ewlenin (pereż. il-Bord Fiskali Ewropew) u mal-isfera akkademika/esperti huma ppjanati fix-xhur li ġejjin. Id-diskussjonijiet konklużivi, bħalissa huma ppjanati li jsiru f'Lulju, kemm fil-livell ministerjali fil-Kunsill (ECOFIN) kif ukoll fost il-membri taż-żona tal-euro fil-Grupp tal-Euro.

**Abbażi tad-dibattitu pubbliku li għaddej u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tipprovi orjentazzjonijiet dwar bidliet possibbli għall-qafas ta' governanza ekonomika bl-għan li jinkiseb kunsens wiesa' dwar it-triq 'il quddiem sew qabel l-2023.** Fil-fehma tal-Kummissjoni, is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet tindika għadd ta' kwistjonijiet ewlenin li ħidma ulterjuri u aktar konkreta dwarhom tista' twitti t-triq biex ifeġġ kunsens għall-qafas fiskali tal-UE għall-ġejjieni.

- **L-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli permezz tal-investment u r-riformi huma kruċjali biex il-qafas fiskali tal-UE jirnexxi.** L-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali billi jitnaqqsu l-proporzjonijiet għoljin tad-dejn pubbliku b'mod realistiku, gradwali u sostnut huwa fundamentali. Il-qafas fiskali tal-UE għandu jinċentiva l-istrateġiji ta' tnaqqis tad-dejn fuq terminu medju li jirnexxu, billi jiffoka fuq il-konsolidazzjoni fiskali, il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u fuq il-promozzjoni tat-tkabbir. Il-qafas għandu jkun konsistenti mal-isfidi tal-preżent u tal-ġejjieni, u jinkludi rwol kif suppost li jkun ta' għajjnuna sabiex jiġu sostnuti livelli xierqa ta' investment. L-investment pubbliku se jkollu bżonn ikun sostnut f'livelli għolja għas-snin li ġejjin, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu promossi kompożizzjoni u kwalità tajba tal-finanzi pubbliċi biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-qafas fiskali tal-UE għandu jkollu rwol kif suppost fl-inċentivar tar-riformi u l-investment nazzjonali, u jagħti attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-koerenza bejn il-politiki ta' investment u ta' riforma fil-Istati Membri u bejn l-oġettivi nazzjonali u tal-UE.
- **Aktar attenzjoni għat-terminu medju fis-sorveljanza fiskali tal-UE tidher li tipprometti bħala d-direzzjoni li għandha tittieħed.** Il-prestazzjoni fiskali tal-Istati Membri għandha tibqa' tiġi mmonitorjata kull sena, u jinżammu l-elementi pożittivi tal-koordinazzjoni fiskali multilaterali. Fl-istess waqt, soġġett għal gwida ċara fil-

livell tal-UE, is-sjieda, u għaldaqstant, il-konformità, jistgħu jsiru aktar b'saħħithom jekk ikun hemm aktar marġni ta' manuvra għall-Istati Membri biex jistabbilixxu u jimplimentaw il-pjan ta' aġġustament fiskali tagħhom f'perspettiva fuq terminu medju, li tinkorpora l-aġendi ta' investment u ta' riforma tagħhom fit-trajettorja fiskali tagħhom.

- **Għandu jiġi wkoll diskuss liema riflessjonijiet jistgħu jinsiltu mit-tfassil, il-governanza u t-tħaddim tal-RRF.** Il-lenti għandha tkun fuq it-tagħlimiet fir-rigward tat-titjib tas-sjieda, il-fiduċja reċiproka, l-infurzar u l-interazzjoni bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi u fiskali, u d-dimensjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali. L-approċċ abbażi tal-impenji tal-RRF fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-politika, bi sjieda nazzjonali b'saħħitha tat-tfassil u l-eżiti tal-politika, u bbażat fuq gwida *ex ante* lill-Istati Membri dwar il-prijoritajiet ta' investment u ta' riforma, jistħoqqlu kunsiderazzjoni. Is-Semestru Ewropew għandu jibqa' l-qafas ta' referenza għat-twettiq ta' sorveljanza integrata u għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fl-UE.
- **Is-simplifikazzjoni, is-sjieda nazzjonali aktar b'saħħitha u l-infurzar aħjar huma objettivi ewlenin.** Il-qafas attwali jiddependi fuq varjabbli mhux osservabbli li huma sensitivi għall-bidla u affettwati minn kundizzjonijiet ċikliċi. Jinkludi wkoll sett kumplessiv ta' dispożizzjonijiet interpretattivi, inklużi diversi klawżoli ta' flessibilità, li jagħmluha kkumplikata biex il-qafas jiġi applikat u jxekklu t-trasparenza. Dan jirrikjedi regoli fiskali aktar sempliċi bl-użu ta' regola operazzjonali waħda fil-livell tal-UE b'indikaturi osservabbli, bħal aggregat tan-nefqa netta, għall-valutazzjoni tal-konformità. Jinkludi wkoll il-kunsiderazzjoni dwar jekk enfasi ċara fuq "żbalji ta' politika kbar", kif inhu stipulat fit-Trattat, jistgħux jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aktar effettiva tal-qafas. Dawn il-miri huma interkonnessi. B'mod partikolari, qafas aktar sempliċi jtejjeb il-leġġibbiltà tas-sorveljanza baġitarja tal-UE u b'hekk jikkontribwixxi għal komunikazzjoni aktar ċara, sjieda akbar, konformità aħjar u infurzar aktar b'saħħtu. Apparti minn hekk, fl-eventwalità li l-Istati Membri jingħataw aktar marġni ta' manuvra għat-tfassil tat-trajettorji fiskali, għandu jinstab bilanċ b'infurzar aktar strett mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-qafas, f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

## 5. Il-passi li jmiss

**Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi gwida preliminari tal-politika fiskali għall-2023 li se tiġi aġġornata skont il-bżonn mhux aktar tard minn Mejju 2022 bħala parti mill-pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew.** Il-gwida tal-ġejjieni se tkompli tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika globali, is-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru u d-diskussjoni dwar il-qafas ta' governanza ekonomika. L-iżvilupp tal-prospettiva ekonomika se jiġi mmonitorjat mill-qrib u se jitqies kif dovut. L-Istati Membri huma mistiedna biex fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom jaraw li din il-gwida tkun riflessa.

## Appendiċi

Lista ta' tabelli addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri. Id-*data* obbligatorja hija mmarkata b'tipa grassa.

Tabella tal-impatt tal-RRF fuq il-projezzjonijiet tal-programm - SELF

| Flus ta' flus minn self mill-RRF ipprojettat fil-programm (% tal-PDG) |      |      |      |      |      |      |      |
|---|------|------|------|------|------|------|------|
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| <b>Żborżi ta' self mill-RRF mill-UE</b>                               |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Ripagamenti ta' self mill-RRF lill-UE</b>                          |      |      |      |      |      |      |      |
| Nefqa ffinanzjata mis-self mill-RRF (% tal-PDG)                       |      |      |      |      |      |      |      |
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| Kumpens lill-impjegati D.1  |      |      |      |      |      |      |      |
| Konsum intermedju P.2   |      |      |      |      |      |      |      |
| Pagamenti soċjali D.62+D.632  |      |      |      |      |      |      |      |
| Nefqa f'imgħax D.41   |      |      |      |      |      |      |      |
| Sussidji, pagabbli D.3  |      |      |      |      |      |      |      |
| Trasferimenti kurrenti D.7  |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>NEFQA KURRENTI TOTALI</b>  |      |      |      |      |      |      |      |
| Formazzjoni grossa tal-kapital fiss P.51g                             |      |      |      |      |      |      |      |
| Trasferimenti kapitali D.9  |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>NEFQA KAPITALI TOTALI</b>  |      |      |      |      |      |      |      |
| Kostijiet oħra ffinanzjati mis-self mill-RRF (% tal-PDG) <sup>1</sup> |      |      |      |      |      |      |      |
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| <b>Tnaqqis fid-dħul mit-taxxa</b>                                     |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Kostijiet oħra b'impatt fuq id-dħul</b>                            |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Tranżazzjonijiet finanzjarji</b>                                   |      |      |      |      |      |      |      |

Tabella tal-impatt tal-RRF fuq il-projezzjonijiet tal-programm - GHOTJJET

| Dħul mill-ghotjjet tal-RRF (% tal-PDG)                                    |      |      |      |      |      |      |      |
|---|------|------|------|------|------|------|------|
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| <b>Ghotjjet tal-RRF kif inklużi fil-projezzjonijiet tad-dħul</b>          |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Żborżi ta' flus tal-ghotjjet tal-RRF mill-UE</b>                       |      |      |      |      |      |      |      |
| Nefqa ffinanzjata mill-ghotjjet tal-RRF (% tal-PDG)                       |      |      |      |      |      |      |      |
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| Kumpens lill-impjegati D.1  |      |      |      |      |      |      |      |
| Konsum intermedju P.2   |      |      |      |      |      |      |      |
| Pagamenti soċjali D.62+D.632  |      |      |      |      |      |      |      |
| Nefqa f'imgħax D.41   |      |      |      |      |      |      |      |
| Sussidji, pagabbli D.3  |      |      |      |      |      |      |      |
| Trasferimenti kurrenti D.7  |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>NEFQA KURRENTI TOTALI</b>  |      |      |      |      |      |      |      |
| Formazzjoni grossa tal-kapital fiss P.51g                                 |      |      |      |      |      |      |      |
| Trasferimenti kapitali D.9  |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>NEFQA KAPITALI TOTALI</b>  |      |      |      |      |      |      |      |
| Kostijiet oħra ffinanzjati mill-ghotjjet tal-RRF (% tal-PDG) <sup>1</sup> |      |      |      |      |      |      |      |
|   | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
| <b>Tnaqqis fid-dħul mit-taxxa</b>   |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Kostijiet oħra b'impatt fuq id-dħul</b>                                |      |      |      |      |      |      |      |
| <b>Tranżazzjonijiet finanzjarji</b>                                       |      |      |      |      |      |      |      |

Tabella dwar l-istokk ta' garanzji adottati/imħabbra skont il-Programm

| Miżuri                     | Data tal-adozzjoni | Ammont massimu ta' obbligazzjonijiet kontinġenti (% tal-PDG) | Assorbiment stmat (% tal-PDG) |
|----------------------------|--------------------|--|-------------------------------|
| B'reazzjoni għall-COVID-19 |                    |  |                               |
|                            |                    |  |                               |
|                            | <b>Subtotal</b>    |  |                               |
| Oħrajn                     |                    |  |                               |
|                            |                    |  |                               |
|                            | <b>Subtotal</b>    |  |                               |
| <b>Total</b>               |                    |  |                               |

Nota: Din it-tabella tissostitwixxi t-Tabella 7 fil-Kodiċi dwar il-Kondotta tal-PST.